KLR 66/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru 2018 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Joseph Debrincat u Anthony Briffa.

Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija tal-membri skużati.

**66.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**66.2 Mozzjoni f'isem il-membri**

Mozzjoni nurmu 22 ta' Michel Buttiġeieġ u ssekondata minn Marcel Tabone.

**Residenti talbu biex Triq Santa Mairja tiġi *one way* il-kontra ta' kif inhi fil-preżent. Jiġifieri tkun tista tidħol bil-vettura minn naħa ta' Pjazza Santu Wistin u mhux minn naħa ta' Pjazza Savina.**

Il-membri qablu li jintalbu l-veduti tar-resdenti kif inhi l-proċedua tas-soltu qabel jintalab għal xi tibdil fil-mogħdija tat-traffiku.

**66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

66.3.1 <u>Stqarrija konġunta ma Wirt Għawdex – Foss Ċittadella</u>

Rigward permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar li nħareġ lil Mark Agius sabiex jibni lukanda fi porpjeta' fi Pjazza Indipendenza li twassal sal-foss taċ-Ċittadella, is-Sindku spjega li l-Kunsill irid ipoġġi l-posizzjoni tiegħu ċara fir-rigward ta' dan ix-xogħol. Hu propona li tinħareġ stqarrija konġunta ma Wirt Għawdex. Il-membri qablu u din l-istqarrija hi annessa f'dokument A.

66.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-laqgħa li kellha ssir mad-Direttur tal-Gvern lokali rigward l-iżbilanċ fiananzjarju tal-Kunsill għas-sean 2017, tħassret minn naħħa tad-Dipartiment.

66.3.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward il-problema tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli li nħolqot lil Kunsilli Għawdexin li joperaw bil-Green MT. Is-Sindku tenna li r-Rabat mhxu ser jiġi affettwat peress li għall-Green MT l-ammont ta' skart riċiklabbli mir-Rabat hu konsiderevoli.

**66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

66.4.1 is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, rigward il-Premju Anzjanita' Attiva 2018;

66.4.2 Vicky Xuereb minn Eco-Gozo fejn talbet permess sabiex s-Sibt 22 ta' Settebmru 2018, tingħalaq il-parti ta' fuq ta' Triq Repubblika sabiex jiġu organiżżati attivitajiet li jikkonċernaw il-'European Mobility Week'. Il-membri ma qablux li tingħalaq din it-triq minħabba t-traffiku voluminuż li jkun hawn matul dan il-*weekend*. Il-Kunsill propona li l-attivita' ssir fi Pjazza San Franġisk u jitħalla l-aċċess lejn Triq Enriko Mizzi liberu.

66.4.3 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward id-dokument 'L-effett negattiv fuq l-ambjent met jittajru l-bżieżaq. Il-membri qablu ma dan id-dokument;

66.4.4 Joebert Galea, impjegat fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill li talab jiġi promoss minn skala 13 (Uffiċċjal Eżekutiv) għall-skala 11 (Assistent Uffiċċjali Prinċipali) skont – Avviż Legali 127/98- Regolamenti dwar Riżorsi Umani Artiklu 14, Memo 46/98 u l-Ftehim Kollettiv għall-ħaddiema kelerikali ġewwa l-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu jiġi nfuramt b'dan;

66.4.5 Sue Ellen Attard rigward ilmenti dwar nuqqas ta' ndafa, nuqqas ta' dawl u traffiku li jikkonċernaw Triq Kunsill Ċiviku. Il-Kunsill ser jindirizza dawn l-ilmenti;

66.4.6 Marika Borg li qed tirrappreżenta r-Rabat f'Miss Malta 2018. Hi talbet permess sabiex torganiżża *jumble sale* sabiex tgħin lid-'Dar Merħba Bik'. Il-membri ma sabux oġġezjoni;

66.4.7 Joe Attard fejn propona lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jinbidel l-isem ta' Trejqet l-*Exchange* u tissemma għal ħuħ Anton F. Attard. Il-membri tal-Kunsill ma jsibux oġġezzjoni li tissemma Triq Anton F. Attard, madnakollu għandu jagħrraf lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex li l-Kunsill diġa' kien ressaq proposti ta' ismijiet oħra li għandhom jissemmew u għad ma ssemmewx;

66.4.8 is-Segretarju tar-Reġjun Għawdex rigward proposti mill-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali dwar il-Karnival;

66.4.9 Dr J. Xuereb rigward il-*litter bin* li hemm bisiwit il-klinika tiegħu fi Pjazza Savina. Il-membri qablu li dan jitressaq aktar l-isfel biex ma jkunx ta' nkonvenjent.

Bankini

66.4.10 Tressqu ittri sabiex jitranġaw bankini. Il-membri qablu li dawn isiru skont d-dati li waslet it-talba. Dawn huma:-

i) Donny Zahra quddiem propjeta' tiegħu fit-Triq ta' Wara s-Sur;
ii) Silvano Saliba quddiem 35, Triq Mattia Preti u
iii) Sharon Refalo quddiem 'Aura' Patri Ġiaċintu Camenzuli.

66.4.11 Simon Camilleri talab biex titranġa l-bankina ta' quddiem 'Ave Maria' fi Triq Anotonio Mallia. Hu talab li jintuża madum mhux *bricks*. Hi *policy* tal-Kunsill li jintuża biss *bricks*.

66.4.12 Tressaq ilment minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex fejn intalab sabiex titranġa l-bankina li hemm quddiem l-istabiliment ta' Marion Mizzi fi Triq Ġorġ Borġ Olivier. Billi din il-bankina ma saritx minn naħħa tal-Kunsill, il-membri qablu li din ma tintmessx qabel jittieħed il-parir tal-Perti. Dan sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk huwiex permess li jsiru għetiebi/turġien ġo bankini eżistenti u għoljin.

**66.5 Ftuħ tal-*Playing Field***

Il-programm dettaljat tal-attivitajiet tal-*Open Weekend* li ser isir fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tat-tisbiħ tal-*playing field* hu anness f'dokument B. Kif maqbul dawn l-attivitajiet ser isiru l-Ġimgħa 21 u s-Sibt 22 ta' Settebmru 2018. Il-Ġimgħa fis-18.00 ser issir ċerimonja qasira bis-sehem tal-'Cordia String Quartet' fejn isiru d-diskorsi tal-konsulent tekniku, l-Perit Edward Scerri u tas-Sindku. Isir ukol kxif ta' plakka kommemorattiva.

Il-membri qablu li:-

- jsir rapport mill-MCCAA li jiċertifika s-sigurta tal-*playing field*. Dan jiswa €472;
- (VLC/05/2018) ix-xogħol tas-CCTVs jingħata lill-Tenovar Ltd. li offrew il-prezz ta' €5255 (VAT eskluża). Dan kien l-orħos prezz offrut u l-kunsill mexa fuq il-parir tar-rapport tal-bord;
- (VLC/02/2018) l-offerta tal-manteniment tal-*playing field* tingħata lil Savio Bugeja li offra l-prezz ta' €6,000 (VAT eskluża) fis-sena. Dan kien l-orħos prezz offrut u l-kunsill mexa fuq il-parir tar-rapport tal-bord;
- tinħareġ offerta sabiex jiġi provdut ilma għat-tisqija tas-siġar u arbuxelli;
- tinħareġ offerta sabiex isiru *pointed edge protectors* maċ-ċnut tal-*playing field*.

**66.6 Pjazza Santu Wistin**

Il-Perit Edward Scerri kien preżenti waqt li ġiet diskussa din l-item. Hu ressaq stimi dettaljati li għamel fir-rigward ta' dan il-proġett li jkopri Pjazzetta fuq it-Tomba, Pjazza Santu Wisitin u Triq it-Tomba sal-bidu ta' Triq Dawwara.

L-istima hi maqsuma hekk:-

| | € |
|---|---|
| Bankini Pjazza Santu Wistin | 64,196.16 |
| *Parking Areas* | 395,857.22 |
| *Stormwater Culvert* | 87,490.29 |
| Asfalt Pjazza Santu Wistin | 63,535.33 |
| Għamara | 13,670.00 |
| Bankini Pjazzetta fuq it-Tomba | 19,806.64 |
| Asfalt Pjazzetta fuq it-Tobma | 46,261.69 |
| Total (VAT Eskluża) | 690,817.33 |
| VAT | 124,347.12 |
| Total (VAT inkluża) | 815,164.45 |

Barra dan ix-xogħol il-Kusill qed jistenna wkoll l-istima tal-Inġiniera tad-dawl li għandu jsir. Il-membri qablu li l-Perit għandu jħejji d-DNO lill-Awtorita' tal-Ippjanar u tiġi sottomoessa l-applikazzjoni għall-fondi mill-'Urban Improvement Fund' (UIF). Qablu wkoll li għandha ssir it-tieni laqgħa mar-residenti tal-inħawi mharit-Tnejn 15 ta' Ottubru 2018 fis-19.30.

**66.7 Immaniġjar tat-Traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

66.7.1 *un/laoding bay* fi Triq Ninu Cremona;
66.7.2 *communal disabled parking bay* fi Triq Gedrin;
66.7.3 *one metre double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 64, fi Triq Santa Dminka.

Korrispondenza oħra relatata mat-traffiku

66.7.4 TM tat il-parir lill-Kunsill sabiex fi Triq Karlu Galea jsiru l-*parking bays*. Il-Kunsill talab lill-Perit sabiex iħejji pjanta.

66.7.5 Korrispondenza mingħand Anthony Żammit li joqgħod fi Triq Għajn Qatet titratta *traffic flow* f'din it-tirq li għada kif ġiet asfaltata minn naħa tal-Minsiteru għal Għawdex. Din ġiet riferuta lill-TM u TM irreferietha lill-Ministeru għal Għawdex peress li qed jieħdu ħsieb it-*traffic managemen*t tal-*area*.

66.7.6 Korrispondenza mingħand il-Perit Ivana Farrugia fejn talbet il-permessi neċessarji sabiex isir *scaffolding* fi Pjazza Santu Wistin kantuniera ma Triq Għajn Qatet biex titranġa l-faċċata tad-dar numru 16 fi Pjazza Santu Wistin. TM ħarġet il-peremssi bil-kundizzjonijiet neċessarji.

**66.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Settebmru 2018 skont dokument Ċ anness.

**66.9 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qalbu li:-

66.9.1 s-Segrearju Eżekuttiv tipparteċipa fil-'European Week of Regions and Cities 2018' fi Brussell li ser issir bejn it-8 u l-10 t'Ottubru 2018;

66.9.2 jinġabu stimi biex jinxtraw erba' bankijiet għal mal-faċċata tal-Banca Giuratale;

66.9.3 wara li ntalab permess sabiex tingħalaq l-parti ta' fuq ta' Triq Repubblika għal ġurnata sħiħa, sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni fi propjeta' fi Pjazza Indipendenza, il-membri qablu li dan il-peremess għandu jinħareġ fuq żewġ nofs ta' nhari, mis-13.00 'l quddiem. Dan sabiex ma jkunx affetwat it-traffiku li f'dawn il-ġranet tas-sajf ikunu bieżla ħafna.

66.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li għamlet numru konsiderevoli ta' *reminders* lill-Perit sabiex japplika għall-peremess tal-Awtorita' tal-Ippjanar u sabiex iħejji d-dokumenti neċessarji sabiex tinħareġ l-offerta għax-xogħol li għandu jsir fuq in-niċċa tal-Madonna tal-Loreto fi Triq Għajn Qatet.

**66.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmis**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 12 t'Ottubru 2018 fis-19.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |